# Tagħrif ieħor fuq il-Gudja ta' Qabel il-Wasla ta' l-Ordni

tagħrif minn Godfrey Wettinger ©

Mhux la kemm tiltaqa' ma' dokumenti fuq l-irħula Maltin ta' qabel ma ġie l-Ordni f'Malta, jiġifieri ta' qabel is-sena 1530. Fil-każ tar-raħal tal-Gudja wieħed għandu għax jaħseb li għandhom jinsabu b'għadd kbir għax il-kappillan tal-Gudja fl-ewwel snin tas-seklu sittax sa wara l-miġja ta' l-Ordni kienu jaħdmu wkoll bħala nutara, qed ngħid għal Consalvo Canchur u għal Bartolomeo Butigieg. Iżda hawn jien qed nifli biss in-noti li lħaqt ġbart xi tletin sena ilu.

Nibda b'kuntratt ta' qbiela tal-5 ta' Lulju 1496 li bih il-qassis ta' l-Imdina Dun Nicolaus de Falczono ta bi qbiela l-art imsejħa Ta' Leben fl-inħawi tal-Gudja għall-erba' snin li kienu ġejjin lil Nucio Staynu u Augustinu Sckembri, it-tnejn mill-Gudja, bi ħlas ta' 13-il fjorin kull sena li kellhom jitħallsu nhar l-Għid skond id-drawwa ta' Malta. Jagħmlu tajjeb li l-ħlasijiet qiegħdu ġidhom kollu kif ukoll il-persuni tagħhom, jiġifieri, il-ħlas li seta' baqa' jsir seta' jsir billi jagħtuh bix-xogħol tal-persuni tagħhom.[1] Jibqa' li ngħid biss li l-kuntratt kellu jgħodd minn nofs ix-xahar ta' Awissu, u li l-erba' snin tiegħu aktarx kienu mfassla fuq il-newba tar-raħal.

Ftit xhur qabel, Vincencius Fitieni u martu Laurencia mill-Gudja biegħu l-għalqa tagħhom imsejħa l-Andar fl-istess inhawi ta' Leben lil Manno Bunnichi ta' l-istess raħal għal 31 uqija, likienet somma ħafna jekk ma kinitx flus ta' Malta li kien jiswa wieħed biss minn kull sebgħa tal-flus ta' Sqallija.[2]

Min-naħa l-oħra fl-1501 Andrea Barbara tal-Gudja xtara mingħand Nardu Calfath u martu Johanna ħabel raba' fil-Bormla ħdejn l-art li diġà kellu. Il-prezz li ħallas kienu tliet ewwieq Sqallin.[3] Sentejn wara nsibu lil dan Andrea Barbara jwiegħed li jħallas lil Salvu Chaxixe tal-Gudja nofs il-prezz bħala s-sehem tal-press ta' l-għalqa msejħa l-Ħofra li kienet tinsab fl-inħawi ta' Binghisa li hu u Johannes de Vetero, it-tnejn li huma mill-Gudja, kienu biegħu lil Martino Aius miż-Żurrieq għas-somma ta' uqija u nofs. Johanni de Vetero stqarr fil-kuntratt li sehmu kien diġà ngħatalu.[4]

Tliet snin wara Johannes Zammit u martu Johanna mill-Gudja biegħu lill-qassis Blasio Grima mill-istess raħal għalqa żgħira fl-istess raħal li fin-naħa tal-punent tagħha kienet tmiss mal-knisja ta' San Marku. Il-prezz kien 42 irbigħi flus ta' Sqallija biss.[5] Sidien ta' l-art fuq l-irjiħat tagħha, apparti l-knisja, kienu Nicolaus Binnichi u Albanu Axac u l-bejjiegħa nfushom, jiġifieri dawn ma biegħux l-art kollha li kellhom imma biċċa minnha biss.

Instabu wkoll żewġ kuntratti ta' bejgħ ta' ħmir, bhejjem li mijiet ta' snin ilu qdew lin-nies daqskemm jaqduhom il-karozzi fi żmienna. Hekk f'Settembru 1507 Nicolaus Binnichi magħruf ukoll bħala Chaul (= Ċawl) tal-Gudja xxierek ma' Paulo Stafrag fi ħmara skond id-drawwa tal-Maltin dak iż-żmien għal erba' snin. Il-bhima ġiebha Nicolaus bil-prezz ta' tmien ewwieq ta' Malta. Minn dawn it-tmien ewwieq, Paulu wiegħed li jħallas lil Nicolaus uqija fis-sena għal matul l-erba' snin sħaħ. Wiegħed ukoll li jittrattaha sewwa u jieħu ħsiebha. Jekk ma jagħmilx hekk, Nicolaus żamm il-jedd li jiħodha lura. Fil-fatt nistgħu ngħidu li dankien kuntratt li biha l-ħmara nkriet lil ħaddieħor għal erba' snin.[6]

Xahar wara Vestru Haxixe tal-Gudja stqarr f'kuntratt ta' l-istess nutar li kellu jagħti lil Bartolomeo Binnichi ta' Ħal Luqa s-somma ta' sitt fjorini, prezz ta' ħmar li kien ħa mingħandu.

Antonju Hellul tal-Gudja stqarr li kellu jħallas fil-Milied 1503 lil Michaeli Saccu mill-istess raħal is-somma ta' erbatax-il rbigħi u għaxar ħabbiet prezz ta' ħaxix, jew għalf għall-bhejjem kif ukoll ħatab mill-għalqa msejħa Il-Bur fl-inħawi Tal-Massar għas-sena Settembru 1502 sa Awissu 1503.[7]

Micheli Saccu flimkien ma Antoni Busutil, it-tnejn minn Birmiftuħ, tniżżel fost erba' u għoxrin bniedem li kellhom joqogħdu l-Imdina iżda għażlu li jibqgħu jgħixu fir-raħal tagħhom.[8] Fis-sena 1492 kienu tlieta minn Birmiftuħ li kellhom joqogħdu l-Imdina u m'għamlux hekk.[9] Dawn kienu Andria Barbara, Vincens Barbara u Marcianu Saccu. Dan jorbot ma' dak li jgħidilna l-Kumendatur Gian Franġisk Abela li kienu ħafna l-Maltin ta' l-aqwa familji li kienu jagħżlu li joqogħdu fil-mistrieħ fl-irħula moqdija bl-ilsiera, żwiemel u ġid ieħor tagħhom għalkemm imċaħħdin minn dak li kien jiġihom mill-

uffiċċji pubbliċi milli fost in-nies tal-belt ta' l-Imdina, mifrudin bejniethom u mimlija mibegħda għal xulxin.[10]

Tajjeb wieħed jgħid ukoll li dawk kollha minn Birmiftuħ li kellhom jaraw mnejn iġibu bhima armata għall-kavallerija fl-1492. Dawn kienu: Jorgi Pachi, Salvu Farruge, Vincent Barbara, Andrea Barbara, Marcianu Saccu, Nuzu Stayno, Joanni Caruana, Salvo Xintil u Andrea Fitayar.[11] Jista' jkun li dawn jinkludu nies mill-irħula żgħar li sekli wara saru parroċċi maqtugħin għalihom. Qabbel dan ma' dak li għedna sena ilu fuq dawk li kellhom iżommu żiemel jew bagħal fl-1419 u fl-1420.

Il-lealtajiet lokali jidhru wkoll fil-ħsieb ta' ħafna nies fuq id-difna tagħhom. Hekk fid-9 ta' April 1516 Dijaku Binnichi ta' Ħal Luqa ta għalqa żgħira msejħa Il-Bur tal-Cuschieri fl-inħawi tal-knejjes biex tinxtegħel lampa kull sibt u fil-festi u vġejjel ta' Santa Marija fil-knisja mibdija minnu fiċ-ċimiterju tal-kappella (parroċċa?) ta' Birmiftuħ. Mid-dħul tagħha kellha titħallas quddiesa u jsir tratteniment lill-qassis li jqaddes u lil erba' foqra f'dik il-knisja għal dejjem ta' dejjem.[12] Fl-4 ta' Jannar 1520 sar bdil ta' proprjetà bejn fuq in-naħa l-waħda Dun Consalvo Canchur, kappillan tal-knisja ta' Santa Marija ta' Birmiftuħ imsieħeb minn żewġ prokuraturi ta' dik il-knisja kif ukoll Franchinu Farruge, Johannes Xintil, Michael Hellul Masju Farruge u Julianu de la Barba bħala abitanti tal-parroċċa u min-naħa l-oħra mastru Petru Bisaile. Li l-kappillan ma setax jerfa' ċerti responsabbiltajiet waħdu għaxar snin qabel il-miġja ta' l-Ordni huwa għalhekk fatt dokumentat u ta' l-akbar importanza.[13]

1 Atti tan-nutar Ġakbu Sabbara, Arkivju tan-nutara, il-Belt, NAV, R 494/1.
2 Atti tan-nutar Graciano Vassallo, NAV, R 464/1, folja 28$^{v}$ - 29.
3 Atti tan-nutar Consalvo Canchur, NAV, R 140/1, folja 115, 16 ta' Settembru 1501.
4 Ibid., folja 210$^{v}$, 11 ta' Jannar 1503.
5 Ibid., NAV, R 140/2, 23 ta' Novembru 1504.
6 Ibid., NAV, R 140/3, folja 125, 23 ta' Settembru 1507.
7 Ibid., NAV, R 140/1, folja 183$^{rv}$, 20 ta' Settembru 1502.
8 Il-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta, Il-Belt, Univ. 12, fol. 287$^{rv}$, 9 ta' Lulju 1522.
9 Ibid., MS tal-Biblioteka 670, folja 19$^{rv}$, mhux iddatata iżda qrib l-10 ta' Mejju 1492 li hi d-data tal-lista tal-kavallerija ta' l-Imdina reġistrata warajha: ara ibid., folji 20-21.
10 Gio. Francesco Abela, *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano* (Malta, 1647, p.511).
11 Il-lista tal-Kavallerija, 8 ta' Mejju 1492, Ms. Tal-Bibl. 670, folja 20$^{v}$.
12 Arkivju tan-nutara, il-Belt, reġistru tan-nutar Consalvo Canchur, R 1407, fol. 26$^{rv}$, 9 ta' April 1516.
13 Ibid., atti tan-nutar Pietru d'Alaymo, MS 779/1, folja 24 tat-tieni manetta, 4 ta' Jannar 1520.



*Il-pjazza tal-Gudja wara t-Tieni Gwerra Dinjija madwar 60 sena ilu. Tidher il-parti mwaqqa' bil-bombi fejn illum hemm il-villa tal-mibki ex-President ta' l-Għaqda Giomarija Dalli u l-ħanut magħruf tal-P.O.* *(Ritratt bil-kortesija ta' Leo Cutajar.)*